MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 434/2009

**Raymond Auto Dealer Limited (C-9850)**
**Vs**
**Alan Farrugia (K.I. 416780M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef mija u hamsa u ghoxrin ewro, u tmienja u hamsin ewro centezmu (€3125.58) rapprezentanti kwantu ghal €2,582.74 bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut fuq somma ikbar ta' valur ta' Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni KAF-768 u kwantu ghal €542.84 rapprezentanti interessi u spejjez relattivi ghall-ittra ufficjali 3799/08, mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru kawtelatorji.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-19 ta' April, 2010 mill-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------